Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 10 – It-Tlieta 18 ta' Marzu 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhaar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**10.1 Talba**

10.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**10. 3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

10.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-Pelegrinaġġ Djoċesan li sar fil-9 ta' Marzu 2025 mill-Knisja ta' Sant Antnin sal-Knisja Arċipretali bil-kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu, fejn attendew eluf ta' persuni. Il-Kunsill offra tqegħid ta' barriers u tabelli tal-parkeġġ u ħa ħsieb it-tindif tat-toroq u pjazza f'dan il-Jum. L-Isqof Anton Theuma rringrazza lil Kunsill tal-għajnuna li offra.

10.4.2 Is-Sindku rrefera bi pjaċir għall- korrispondenza li rċevejna dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal fondi taħt l-iskema tal-Unjoni Ewropeja 'Town-Twinning' (CERV-2024-CITIZENS-TOWN-TT) ġiet aċċettata. Qed nistennew għal aktar informazzjoni dwar il-proċess li jmiss.
10.4.3 Is-Sindku għamel referenza għad-divesi ilmenti li qed nirċievu dwar il-WEE Trolley fejn qed jintefa' fih minn kollox minbarra apparat elettroniku. Is-Sindku ressaq proposta sabiex dan jitneħħa u jitpoġġa fid-daħla tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**10.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

10.5.1 Il-kunsilliera llkoll qablu li l-attivita' ta' St. Patricks kienet suċċess kbir allavolja kienet challenge bħala ġurnata. L-iskop ilħaqnih u faħħru lill-għaqdiet li kienu organizzati tajjeb u marru tajjeb bħala bejgħ.

10.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal-laqgħa ma' Transport Malta rigward il-problema ta' trakkijiet, trailers u dgħajjes abbandunati. Huwa spjega l-proċedura li jinħtieg li tiġi addottata; dik li nwaħħlulhom sticker b'notifika li jekk dawn ser jibqgħu ma jiċċaqalqux minn posthom ser jiġu ttowjati. Huwa spjega wkoll kif ġie propost li jsir xi tip ta landscaping, kurduna u xi pjanti wara li jitneħħew biex il-post ikun organizzat u ma jattirax żgombru. Huwa spejga kif semmilhom ukoll il-ħtieġa ta' speed cameras u rrispondewh li qed jintuzaw l-ispeed guns. Saret referenza wkoll għal Triq St Anthony u dwar il-problemi ta' Mgarr Road specjalment nhar ta' Hadd meta qed jiffurmaw queues twal għal vapur b'detriment li r-raħal qed jispiċċa blukkjat.

10.5.3 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza biex naraw kif ser nipproċedu dwar il-ġbir tal-bulky refuse u jekk hemmx possibilita' li dan jibda jinġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għal- ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fiż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna ninformaw lill-Ministeru għal Għawdex.

10.5.5 Il-Viċi Sindku Joe Debono talab sabiex nerġgħu nitolbu sabiex Baħħara Street nigirfuha ftit u nwittuha b'romblu. Sar qbil li għandna nagħmlu din it-talba lil Ministeru għal Għawdex.

10.5.6 Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-iskart li qed ikun hemm taħt is-siġar ta' Lourdes u qed ikun hemm ħafna skart fejn il-bollards. U dawk is-siġar qed isir permess biex jinqatgħu għaliex mietu filwaqt li Kunsill applika ma' Project Green sabiex jitħawlu siġar ġodda,

**10.6 Korrispondenza**

10.6.1 Ġiet trattata l-Email rigward is-sezzjoni ta' attivita' tal-kotba li tixtieq taghmel Ann Marie Grech il-mara tal-Kap tal- PN fil-librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din it-talba u jitlob il-permess tad-Dipartiment tal-Libreriji.

10.6.2 Ġiet trattata l-email mingħand Nadia Gatt li tixtieq torganizza kunċert f'Għajnsielem f'isem il-MCCF b'kantant rinomat. Sar qbil li għandna nibdew id-diskussjonijiet billi niltaqgħu magħha.

**10.7 Rapport ta' Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tal-Latrina ta' Triq J F De Chambray**

10.7.1 Ġie trattat ir-rapport tal-Evalwazzjoni kif approvat mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Il-Viċi Sindku Joe Debono ħareġ mill-laqgħa waqt li kienet diskussa din il-materja minħabba li ddikjara li kellu kunflitt ta' interess. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għal dan it-tender kien hemm 4 offerti u matul l-evalwazzjoni ntbagħtu xi kjarifikazzjonijiet minħabba li kien hemm xi informazzjoni nieqsa jew mhix korretta mal-ispeċifikazzjoniet mitluba mit-Tender. Ir-riżultat finali wara l-analiżi tal-

offerti, il-Bord irrakkommanda li l-għazla għandha taqa' fuq Għajnsielem FC, it-tieni offerta finanzjarjament, amministrattivament u teknikament, peress li l-orħos offerta waqgħet teknikament.

10.7.2 Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat il-Letter of Award u eventwalment jekk ma jkunx hemm appelli jiġi ffirmat il-Kuntratt.

**10.8 Iljieli Sajfin u Echoes from the Sea 2025**

10.8.1 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill baqa' għaddej bil-preparazzjoni tal-kalendarju kulturali tas-sajf u l-bookings meħtieġa.

10.8.2 Huwa spjega wkoll li l -Kunsill se jkun qed japplika mad-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal tlett attivitjaiet annwali – GħajnsielemFest, Echoes by the Sea u Cocomelon Night.

10.8.3 Sar qbil ukoll li għal kalendarju sħiħ tall-Iljieli Sajfin, il-Kunsill ser ikun qed japplika wkoll għall-iskema tal-attivitajiet Kulturali tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal dawn l-attivitajiet flimkien ma' oħrajn imqassma fuq perjodu ta' Lulju sa Settembru - SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026

10.8.4 Is-Sindku spjega kif għal Echoes from the Sea s'isssa l-irħas band li tattira l-massa hija l-band ta' Ira Losco filwaqt li qed jiġi kkunsidrat DJ Pierre Cordina sabiex janima qabel u wara din il-band.

**10.9 Publikazzjoni tal-offerta tal-proġett tar-Restawr tal-Arkata**

10.9.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li t- Tender tal-Arkata ġie ppubblikat u jagħlaq nhar il- 25 ta' Marzu 2025.

10.9.2 Il-Viċi Sindku Joe Debono staqsa dwar f'liema fażi jinsab it-tindif tal-Wied. Is-Sindku wieġbu li ser isir mal-Ekogozo u x-xogħol ser isir dan is-sajf.

10.9.3 Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar il-Bord tal-Għażla biex minnufih jibda jevalwa l-offerti. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost minn : Perit Edward Scerri, Avukat Joshua Grech, Inginier Mario Cauchi, is-Sur William Sultana u s-Segretarju Eżekuttv Lucienne Haber.

**10.10 Update dwar il-Proġetti**

10.10.1 **Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-Kunsill qed jsitenna risposta mill-Kummissjoni tal-Arti Sagra qabel japplika ma' l-Awtorita tal-ippjanar.

10.10.2 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff. Ix-xogħol mistenni li jsir fil-bidu tas-sajf. It-trinka ta' Triq Malta ser issir dalwaqt.

10.10.3 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ppjanat sabiex ix-xogħol jibda wara it-tlestija tal-proġett tal-Iskola.

10.10.4 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Jonqos il-'green canopy'
- Se tinħareġ sejħa għax-xiri tal-'book-benches' li żgur se jkunu ta' attrazzjoni u jikkumplimentaw dan il-proġett.

10.10.5 **Proġett 'Water Catchment' Pjazza tad-Dehra**

- Saret laqgħa bejn il-kuntrattur, il-Perit tal-Kunsill u s-Sindku sabiex jibda ix-xogħol
- Qed jsiru l-applikazjzonijiet u permesssi meħtieġa mal-BCA u trenching
- Tlesta survey wkoll tal-post
- Il-Kunsill ġab mingħand Ambjent Malta estensjoni ta' sitt xhur. Il-mira hi li jkun l-lest sal-aħħar tas-sena.
- Qed jinżammu minuti ta' kull laqgħa on-site, li qed tinzamm regolarment kull ġimgħa.

10.10.6 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Qed jsiru laqgħat kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-Kunsill, il-kuntrattur u l-perit
- Il-cores huma lesti u l-Perit qed jistenna ir-rapport sabiex nipproċedu.

10.10.7 **Bini Arkata**

- It-tender dwar il-bnin tal-arkata storika qed jiġi ppublikat.

10.10.8 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- Il-Perit ser japplika skond il-pjanti li ġew diskussi fil-Laqgħa tal-Kunsill
- Se jingħaqad it-terrazzin tas-Sala tal-Kunsill mat-terrazin tal-Librerija u daħla ta' l-iskola

10.10.9 **Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija**

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

10.10.10 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif se jitqassam ix-xogħol marbut ma' dan il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għandna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skema tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

10.10.11 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Il-permessi ġew approvati.
- Se ssir laqgħa ma' uffiċjali tal-Kurja u Fr. Renato Borg fi-ġranet li ġejjin sabiex jiġu diskusssi l-aħħar dettalji u l-method statement qabel jiġi ppublikat it-tender.
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

Sar qbil li bħala proġett għandha issir sodda bic-cement u jsiru bollards biex il-karozzi ma jibqgħux deħlin sa ġewwa nett. Għal dan il-proġett il-Kunsill ser jibbenifika minn €80,000 mingħand il-LESA. Sar qbil ukoll li għall-proġett l-ieħor tal-LESA, dak tal-Belveder tal-Qigħan għandna nibgħatu email lill- kuntrattur biex jibgħat il-kont finali biex jitħallas, għax jista jkun kaġun li jekk nitilfu l-flus mill-iskema inżommuh responsabbli.

10.10.12 **Tisbiħ tat-taraġġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**

- Ġew preżentati disinni u kunċett mill- Perit Jonhatan Cassar
- L-istima tax-xogħolijiet hi ta' madwar €20,000 iżda jiddpependi x'tip ta materjali jintużaw
- Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi meta jkun hemm possibilta` li dan il-proġett jikkwalifika u mmexxu b' BOQ ta' dan il-proġett biex malli jkollna possibilita napplikaw.

## 10.11 Wara l-attivitajiet tal-Karnival u St. Patrick's

10.11.1 Il-Kunsill kollu kellu kliem ta' tifħir għas-suċċess kbir tal-attivitajiet tas-St Patrick's u anke tal-Karnival.

10.11.2 ST PATRICK'S - Is-Sindku spjega kif kien suċċess kbir u rringrazzja lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għall-isponsor ta' €8000 kif ukoll lil Farsons għall-isponsor ta' €500. Is-Sindku ħabbar ukoll b'sodisfazzjoni li nġabru €317 għal Dar Bjorn waqt din l-attivita'

10.11.3 KARNIVAL - L-attivta saret nhar is-Sibt 1 ta' Marzu fis-sala ta' l-iskola. Kien hemm attendenza tajba ħafna. Din l-attivita saret bl-involviment tal-għaqdiet u saret f'forma ta' ballu għall-familja b'żifna u daqq etc. Minkejja li kienet attivita sabiħa hafna, il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu email lit-Taqsima tal-Kultura ,li għall-edizzjoni li jmiss il-Kunsill jixtieq li l-attivita' tieghu ssir is-Sibt tal-Karnival mit-2:30pm 'l quddiem.

## 10.12 Attivitajiet Għid u Ġimgħa Mqaddsa 2025

10.12.1 Is-Sindku għamel summary tal-attivitajiet kollha relatati mal-festi tal-Għid u Ġimgħa Mqaddsa 2025 f'Ghajnsielem, li lkoll ser isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. L-attivitajiet huma:-

- Strings Resound fil-knisja il-Qadima f' Jum il-Helsien, 31 ta' Marzu
- Gaulitana Festval - fil-Knisja ta' Sant Antnin fil-21 ta' April
- Sitio –Wirja tal-Ġimgħa Imqaddsa fil-Każin tal-Banda 10 t'April
- Adorato Crucis - Kunċert ta' mużika sagra mill-Alljievi tal-Banda –16 t'April fil-Knisja il-Qadima
- 'Easter Treature Hunt' f'Ta' Passi b'kollaborazzjoni mas-'Sinfonia del Sol'. Id-Direttorat tal-Kultura se jikontribwixxi €750 għal din l-attivita u l-Kunsill se jiffinanzja il-bqija.

## 10.13 Skemi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali 2025 (Tieni parti)

10.13.1 Ġew trattati l-iskemi l-ġodda li ħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bhala t-Tieni Parti. Wara li nqrat ic-cirkulari, l-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn l-iskemi:-

*10.13.2 SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025)* – il-Kunsill qabel li għadna napplikaw fuq karnival tradizzjoni flimkkien ma' 'family masquarade ball'.

10.13.3 *SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 24 ta' Ġunju 2025);* - Il-Kunsill qabel li mhux se japplika billi m'għandux proġetti li jaqaw taħt din l-iskema

10.13.4 SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025). - Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal truck ġdid li jaħdem bl-eletriku għaliex m'għadx għadu jagħmel sens li jitkompla jitranġa it-truck preżenti. Dan huwa essenzjali għax-xogħol ta' kuljum tal-kunsill u l-fatt li jkun jaħdem bl-eletriku jibgħat messaġġ b'saħtu u eżemplari ta' vettura li ma' tagħmilx ħsara lil ambjent. Sar qbil wkoll li l-Kunsill japplika għal lifter jaħdem bil-gas sabiex jikkumplimenta l-għodda disponibli għal ħaddiema ta' barra tal-Kunsill.

10.13.5 Il-Kunsill qabel li għandu jieħu in konsiderazzjoni l-kofinanzjament ta' dawn l-iskemi li għandhom jinħarġu minn naħa tal-Kunsill.

**10.14 Estimi Annwali**

Ġew ippreżentati l-Estimi Annwali 2025. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u ġew approvati.

**10.15 Laqgħa tal-Lokalita'**

Sar qbil li d-data għal-laqgħa tal-lokalita għandha tiġi stabilita' aktar il-quddiem.

**10.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

10.16.1 Ġiet approvata l-iskeda numru 140.

10.16.2 Ġew approvati wkoll il-pagamenti tal- Perit Godwin Sultana kif ukoll il-pagament tal-proġett tal-Cladding u tal-Faċċata tal-iskola Primarja. Sar qbil li għandha tiġi sottomessa l-Claim ma' Ambjent Malta u Cladding tal-iskola mal-Ministeru għal Għawdex .

## 9.21 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' April 2025 fl-4:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***